

Kisbiet, sfidi u riżultati prinċipali tal-2018

Spunti mir-Rapport Annwali tad-Direttur

www.ecdc.europa.eu

Dan is-sommarju joffri għażla ta' attivitajiet prinċipali mill-2018 iżda assolutament mhuwiex rappreżentazzjoni tal-firxa sħiħa tal-kisbiet tal-ECDC matul dik is-sena. Ħarsa dettaljata lejn il-firxa tal-attivitajiet tal-ECDC, l-istrutturi organizzattivi u amministrattivi tiegħu, u l-pjan ta' ħidma tiegħu jinstabu fil-verżjoni sħiħa tar-Rapport Annwali.

<https://ecdc.europa.eu/en/publications-data/annual-report-director-2018>

Ċitazzjoni ssuġġerita:

l-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Kisbiet, sfidi u riżultati prinċipali – 2018: Spunti mir-Rapport Annwali tad-Direttur. Stokkolma: ECDC; 2019.

ISBN 978-92-9498-359-6 (PDF), 978-92-9498-351-0 (stampat)

ISSN 2529-6019 (PDF), 2529-6221 (stampat)

doi 10.2900/50659 (PDF), 10.2900/756091 (stampat)

Numru tal-katalogu TQ-AX-19-001-MT-N (PDF), TQ-AX-19-001-EN-C (stampat)

© Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2019

L-istampi kollha © tal-ECDC, ħlief l-iStock (paġna 14, fuq) u (cc) il-liċenzja mhux kummerċjali (CC BY-NC 4.0) tal-attribuzzjoni ta' Creative Commons permezz tal-utenti ta' Flickr.com li ġejjin: Nathan Reading (paġni 6 u 10, in-naħa ta' fuq lejn ix-xellug); Judy Gallagher (paġna 8, fuq); Tom Schwan, Robert Fischer u Anita Mora, Istitut Nazzjonali tal-Allerġiji u l-Mard Infettiv, Istituti Nazzjonali tas-Saħħa (paġna 8, isfel); Alan Glover (paġna 10, isfel); Jon Southcoasting (paġna 12/13); Shaury Nash (paġna 24/25).

Ir-riproduzzjoni hi awtorizzata kemm-il darba s-sors ikun rikonoxxut.

Ir-ritratti użati f'din il-pubblikazzjoni huma koperti mid-dritt tal-awtur u ma jistgħux jintużaw għal għanijiet oħrajn għajr għal din il-pubblikazzjoni jekk mhux bil-permess espliċitu tad-detentur tad-dritt tal-awtur.

Kisbiet, sfidi u riżultati prinċipali tal-2018

Spunti mir-Rapport Annwali tad-Direttur

Werrej

Daħla	3
Introduzzjoni	3
ECDC – l-aġenzija tal-Ewropa għas-saħħa pubblika	5
Approċċ Ewropew għas-sorveljanza tal-mard	5
Il-Programmi tal-Mard tal-ECDC: inżommu rendikont tal-epidemjoloġija tal-mard	7
Batterja reżistenti għall-antibijotiċi u l-piż tal-Ewropa fuq is-saħħa li dejjem jiżdied	7
X'inhu vettur? U jista' jmaradni?	9
Kultant, "Għallih, qaxxru, sajru, aħslu jew insih!" mhuwiex biżżejjed	11
Prevenzjoni tal-HIV: esponiment minn qabel u profilassi	13
Tilqima għal kull staġun	15
Nistgħu nikkontrollaw it-TB latenti?	17
L-akbar storja ta' suċċess li qatt kien hawn	19
Approċċ immexxi mill-fatti lejn is-saħħa pubblika tal-Ewropa	21
Sorveljanza tal-mard	21
Informazzjoni epidemika	21
Stat ta' preparazzjoni	23
Rispons	23
Parir xjentifiku	23
Mikrobijoloġija	25
Ningħaqdu mal-komunità tal-Ewropa tas-saħħa pubblika	27
Taħriġ u appoġġ għall-pajjiżi	27
Komunikazzjoni pubblika dwar is-saħħa	28
L-ECDC f'numri	29





Daħla mill-President tal-Bord Maniġerjali

Bħala l-President elett ġdid tal-Bord Maniġerjali tal-ECDC, bi pjaċir kbir nintroduċi r-Rapport Annwali tad-Direttur tal-2018. Matul is-sena, l-ECDC appoġġa lill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea billi:

- ressaq 35 valutazzjoni rapida tar-riskju li pprovdew kontribut għall-immaniġġjar tar-riskju fl-livelli tal-UE u nazzjonali;
- nieda verżjoni ġdida tas-“Sistema ta’ Twissija Bikrija u ta’ Reazzjoni” li tissodisfa r-rekwiżiti kollha tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/KE; u
- ppubblika rapport ġdid tal-EULabCap li juri li qegħdin jiċċienju malajr in-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet u l-ħiliet bejn il-laboratorji fl-Istati Membri differenti.

L-ECDC ippubblika wkoll numru ta’ għodod online li jgħinu lill-pajjiżi jipproċessaw kontribut imsejjes fuq l-evidenza u jappoġġaw it-tfassil tal-politika. Dan jinkludi skedatur tat-tilqim, softwer tal-immudellar, mapep ta’ sitwazzjonijiet dejjem jevolvu, atlas interattiv dwar il-mard, bażijiet ta’ data tal-mard, u diversi dokumenti ta’ gwida.

Fl-2018, il-Bord Maniġerjali nieda t-tielet evalwazzjoni esterna indipendenti taċ-Ċentru, li tkopri l-perjodu 2013-2017. L-evalwazzjoni, li titwettaq minn kuntrattur estern, hija ssorveljata minn kumitat tat-tmexxija tal-Bord Maniġerjali. Ir-rapport finali huwa mistenni li joħroġ aktar tard din is-sena.

B’ħarsa lejn il-kisbiet impressjonanti tal-ECDC, ninsab ħerqan għas-sentejn li ġejjin fit-tmexxija tal-Bord Maniġerjali. Se jkun żmien interessanti għaċ-Ċentru, li se jara r-riżultati tal-evalwazzjoni esterna taċ-Ċentru u strateġija ġdida fit-tul. Il-Bord Maniġerjali se jibqa’ fiċ-ċentru tad-diskussjonijiet u jakkumpanja dawn il-bidliet, filwaqt li jiżgura li ċ-Ċentru jwettaq il-missjoni u l-ħidmiet tiegħu b’konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament ta’ Twaqqif.

Dr Anni-Riitta Virolainen-Julkunen
President tal-Bord Maniġerjali tal-ECDC
5 ta’ Marzu 2019

*In-naħa ta’ fuq lejn ix-xellug u lejn iċ-ċentru: Il-Binja tal-ECDC f’Solna, l-livżezja
In-naħa ta’ fuq lejn il-lemin: Il-kwartieri ġenerali ta’ qabel tal-ECDC
Fiċ-ċentru lejn il-lemin: Persuni għaddejjin bir-riflessjoni tagħhom mal-bibien
tal-entratura tal-ħġieġ
Isfel: Laqgħa internazzjonali fil-kamra tal-konferenzi ewlenija tal-ECDC*



Introduzzjoni mid-Direttur

Fil-bidu t’April 2018, l-ECDC iċċaqlaq f’faċilità moderna fl-inħawi ta’ Solna–Frösunda, eżatt barra minn Stokkolma. It-tim tal-loġistika tagħna għamel xogħol tajjeb, u fi żmien qasir, stabbilixxejna ruħna kompletament fl-inħawi l-ġodda tagħna.

Minbarra li iċċaqlaqna fiżikament, ħadna wkoll għadd ta’ deċiżjonijiet estensivi għall-futur tal-ECDC:


- Bdejna xogħol fuq l-istrateġija fit-tul tal-ECDC għall-2021–2027.
- Dħalna fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati tagħna dwar żewġ proġetti ġodda u eċċitanti: *Teknoloġiji Diġitali u tas-Saħħa Elettronika u Prospettiva*.
- L-inizjattiva tal-*Ġenerazzjoni li Jmiss tal-ECDC* se tagħti liċ-Ċentru struttura organizzattiva ġdida.
- Il-Bord Maniġerjali beda t-tielet evalwazzjoni esterna taċ-Ċentru, li se tkopri s-snin 2013-2017.

Fl-2018, iffukajna b’mod ċar fuq tliet oqsma ta’ prijorità:

- Tilqim. L-ECDC ipprova evidenza xjentifika lill-Kummissjoni Ewropea għal Rakkomandazzjoni ġdida tal-Kunsill fuq mard li jista’ jiġi evitat b’tilqim.
- Reżistenza għall-antimikrobiċi. Fi studju ġdid, stmajna li l-batterji reżistenti għall-antimikrobiċi joqtlu 33,000 Ewropew kull sena; ir-reżistenza għall-antimikrobiċi fl-Ewropa tinvolvi wkoll spejjeż ta’ madwar biljun euro fis-sena.
- Għanijiet tan-Nazzjonijiet Uniti għall-livvilupp Sostenibbli. Fil-qasam tal-monitoraġġ tal-mard, l-ECDC allinja x-xogħol ta’ monitoraġġ tiegħu mal-għanijiet tan-NU; is-sorveljanza tal-HIV, l-epatite u t-TB huma eżempju tajjeb ta’ dan.

F’Settembru 2018, l-ECDC beda l-mandat tiegħu bħala President tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-UE. Dan ipprova opportunità tajba biex nidħlu fi skambju tal-għarfien wiesgħa mal-aġenziji affiljati tagħna u għena nallinjaw il-proċessi tagħna – b’benefiċċji tanġibbli għax-xogħol tagħna ta’ kuljum.

Dr Andrea Ammon
Direttur tal-ECDC
5 ta’ Marzu 2019



ECDC – l-aġenzija tal-Ewropa għas-saħħa pubblika

Stabbilit fl-2005 u bbażat fi Stokkolma, fl-Iżvezja, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) huwa parti minn netwerk ta' aġenziji tal-UE. Dawn l-aġenziji jwettqu ħidmiet tekniċi u xjentifiċi li jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu deċiżjonijiet u jimplimentaw politiki. L-aġenziji tal-UE huma korpi deċentralizzati u jinsabu kważi fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-ECDC ikopri s-sorveljanza ta' madwar 60 marda infettiva, li jvarjaw minn AIDS/HIV għal mard zoonotiku rari. Aħna nippromwovu wkoll tilqim, nidentifikaw imġiba rilevanti mas-saħħa, niżguraw il-kwalità fil-laboratorji madwar l-Ewropa, inħarrġu epidemjologi tas-saħħa pubblika minn madwar l-Ewropa kollha, u ninfurmaw lill-udjenzi tagħna dwar l-aspetti kollha tal-mard infettiv.

Fl-aħħar tal-2018, l-ECDC kellu 267 membru tal-persunal statutorju jaħdem fuq is-sorveljanza tal-mard, l-identifikazzjoni tat-tifqigħat, il-pariri xjentifiċi, it-teknoloġija tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni, u l-amministrazzjoni.

Approċċ Ewropew għas-sorveljanza tal-mard

L-ECDC jopera u jieħu ħsieb tliet sistemi ewlenin għall-monitoraġġ ta' mard infettiv madwar l-Ewropa. Kull sistema hija mmirata lejn qasam wieħed ta' kontroll tal-mard: EWRS (identifikazzjoni tat-theddid, twissijiet tat-theddid), EPIS (informazzjoni

dwar l-epidemiji), u TESSy (sorveljanza u statistika tal-mard).

- Is-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Reazzjoni (EWRS), li għet imfassla kompletament mill-ġdid fl-2018, hija sistema kunfidenzjali li tippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jaqsmu informazzjoni dwar avvenimenti marbutin mas-saħħa li jkollhom impatt potenzjali fil-livell tal-UE u jikkoordinaw miżuri ta' rispons biex tiġi protetta s-saħħa pubblika. Fl-2018, sena kkaratterizzata minn tifqigħat ta' ħosba severi, is-sistema reġgħet uriet kemm hija siewja bħala servizz ta' twissija b'saħħtu.
- Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Intelliġenza Epidemika (EPIS) hija pjattaforma ta' komunikazzjoni sigura bbażata fuq il-web li tħalli lix-xjenziati u lill-esperti pubbliċi fis-saħħa jiskambjaw informazzjoni epidemjoloġika.
- Is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza (TESSy) hija sistema ta' bażi ta' data fuq skala kbira għad-data dwar il-mard. Il-pajjiżi tal-UE/ŻEE regolarment jirrapportaw id-data nazzjonali tagħhom dwar il-mard infettiv lil TESSy. Fuq il-bażi ta' din id-data, dawk li jżuru l-Atlas ta' Sorveljanza online tal-ECDC dwar il-Mard Infettiv jistgħu jiġġeneraw rapporti ta' sorveljanza u mapep interattivi aġġornati.

Barra minn hekk, l-ECDC jappoġġa x-xogħol tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri fil-Kumitat tal-UE tas-Sigurtà tas-Saħħa, li jaħdem bħala grupp konsultattiv dwar is-sigurtà tas-saħħa fil-livell Ewropew.

In-naħa ta' fuq lejn ix-xellug: Bnadar tal-UE jtiru fuq l-ECDC

In-naħa ta' fuq lejn il-lemin: Il-binja l-ġdida tal-ECDC kiftidher mill-awtostrada

Fiċ-ċentru lejn il-lemin: Intern aħdar u mdawwal

Isfel: Il-laqgħa madwar mejda ta' kuljum hija ospitata mit-tim għall-informazzjoni epidemika



Klebsiella pneumoniae Kitt ta' detezzjoni tal-KPC-1 carbapenemase. Ir-reżistenza għall-gram negattivi tista' ssir problema kbira għat-trattament fil-ftit snin li ġejjin. Ftit li xejn hemm pjanijiet mill-kumpaniji tal-mediċini biex jiġu miġġielda dawn l-organiżmi

Il-Programmi tal-Mard tal-ECDC: inżommu ruġna aġġornati mal-epidemjoloġija tal-mard

B'data mill-Istati Membri kollha tal-UE dwar kważi 60 marda u suġġett dwar is-saħħa, bħar-reżistenza għall-antimikrobiċi, ix-xjenzati tal-ECDC jistgħu jippreżentaw stampa dettaljata tas-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali (u storika) fl-Ewropa.

Iċ-Ċentru jissorvelja x-xejriet tal-mard u jissuġġerixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-mard u t-tifqigħat. Ix-xogħol tal-ECDC fuq il-mard huwa miġbur fi "Programmi tal-Mard".

Batterja reżistenti għall-antibijotiċi u l-piż tal-Ewropa fuq is-saħħa li dejjem jiżdied

Reżistenza għall-Antimikrobiċi u Infezzjonijiet Assoċjati mal-Kura tas-Saħħa (IL-Programm ARHAI).


Meta l-ECDC beda jaħdem fuq studju ġdid biex jevalwa l-piż tas-saħħa kkawżat mill-infezzjonijiet b'batterja reżistenti għall-antibijotiċi fl-UE/ŻEE, l-esperti tal-ECDC eżaminaw is-settijiet ta' data Ewropej l-aktar riċenti, iċċekkjawhom għall-kwalità, u aċċettaw stima pjuttost konservattiva. L-istudju b'mod xokkanti kkonkluda li madwar 33,000 Ewropew imutu kull sena bħala konsegwenza diretta tal-infezzjonijiet b'batterja reżistenti għall-antibijotiċi. Ħafna minn dawn l-infezzjonijiet jittieħdu mill-isptar.

Żewġ sħarriġiet ippubblikati fil-Jum Ewropew għall-Għarfien dwar l-Antibijotiċi tal-2018 juru li l-prevalenza tal-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u l-użu antimikrobiku jvarja b'mod konsiderevoli bejn il-pajjiżi. L-istampa ġenerali hija saħansitra aktar skunċertanti: bi 8.9 biljun każ li jseħħu kull sena fl-isptarijiet u l-faċilitajiet għall-kura fit-tul, l-Ewropa taffaċċja problema ta' kobor enormi.

Fi kwalunkwe jum partikolari, wieħed minn kull tliet pazjenti fl-UE jirċievi mill-anqas antimikrobiku wieħed. Dawn il-mediċini mhumieks kollha meħtieġa mill-aspett mediku, u l-preskrizzjoni tagħhom tikkontribwixxi għat-tixrid tal-AMR. Biex jaħdem fuq dan, l-ECDC laqqa' flimkien diversi netwerks ta' sorveljanza f'konferenza li għaliha attendew 300 rappreżentant mill-Istati Membri.

Matul is-sena, l-esperti tal-ECDC żaru lill-kontropartijiet tagħhom fil-Bulgarija, in-Norveġja, u r-Renju Unit biex jiddiskutu kwistjonijiet dwar l-AMR.

L-ECDC ikompli jaġixxi bħala kontributur ewlieni għat-Taskforce Transatlantika dwar l-AMR u kkontribwixxa għall-Azzjoni Konġunta tal-UE dwar l-AMR u l-HAI. Dawn l-attivitajiet huma riflessi fid-dettall fuq is-sit web tal-ECDC.



X'inhu vettur? U jista' jmarradni?

Mard Emerġenti u li Jinġarr Minn Vettur

(Il-Programm EVD). It-terminu “vettur tal-mard” normalment jirreferi għall-artropodi (nemus, dubbien, sandflies, qamel, briegħed, qurdien, u dud) li jgħorru u jittrażmettu mikroorganiżmi infettivi f'organiżmi haġġin oħra.

Waħda minn dawn il-mardiet hija d-deni tal-Punent tan-Nil, ikkawżat minn virus li tipikament jinxtered min-nemus infettat. Meta mqabbel mas-sitwazzjoni ta' ftit snin ilu biss, in-numri tal-każijiet tad-deni tal-Punent tan-Nil żdiedu b'mod sostanzjali. Fl-2018, l-ECDC kien qiegħed iwettaq monitoraġġ fuq l-akbar tifqigħa s'issa tal-virus tal-Punent tan-Nil fl-Ewropa. Il-pajjiżi Ewropej irrapportaw iżjed minn 2,000 infezzjoni fil-bnedmin trażmessi lokalment fl-2018, numru li qabeż faċilment it-total konġunt mis-seba' snin preċedenti (1,832 każ).

Aġġornamenti u mapep fil-ġimgħa dwar l-infezzjonijiet tal-virus tal-Punent tan-Nil fl-Ewropa huma disponibbli fuq is-sit web tal-ECDC; l-ECDC jipubblika wkoll mapep dwar id-distribuzzjoni ta' speċijiet varji ta' nemus, qurdien u sandflies li huma vetturi tal-mard għall-bnedmin u l-annimali. Fl-2018 twettaq studju fuq il-post dwar strateġiji ta' kontroll tal-vetturi għad-deni tal-Punent tan-Nil fl-Ewropa li ġie ttestjat fl-2017. Barra minn hekk, saru tliet studji fuq il-post dwar il-kontroll tan-nemus invażiv; dawn in-nemus jistgħu jgħorru patoġeni li jikkawżaw id-dengue, iċ-chikungunya u d-deni taż-Zika.



Wara ħafna snin bi ftit każijiet irrapportati biss, id-deni tad-dengue reġa' lura fl-Ewropa, b'iżjed minn 3,000 każ irrapportat matul dawn l-aħħar tliet snin. Ħafna każijiet kienu importati, iżda f'żoni fejn in-nemus infettat *Aedes* huwa preżenti, it-trażmissjoni lokali hija possibbli: fil-bidu ta' Ottubru 2018, disa' każijiet ta' autochthonous dengue kienu kkonfermati fl-UE, tlieta fi Spanja u sitta fi Franza, fi tliet tifqigħat separati.

Flimkien mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), l-ECDC kompli jiġbor data dwar il-vetturi tal-artropodi (insetti u qraha viċin) tal-mard tal-bnedmin u l-annimali u ppubblika mapep tal-vetturi aġġornati fuq is-sit web tiegħu biex juri d-distribuzzjoni u l-progressjoni tagħhom fl-Ewropa.

Iċ-Ċentru huwa konxju wkoll tar-riskju minn dan il-mard li s'issa ma kkawżax tifqigħat fl-Ewropa. Pereżempju, iċ-Ċentru ħejja diversi valutazzjonijiet rapidi tar-riskju b'konnessjoni mat-tifqigħat tal-Ebola fl-Afrika: hemm riskju ta' importazzjoni, iċ-ċittadini Ewropej qegħdin fil-periklu? It-tweġiba, fl-2018, kienet "Le" li sserraħ l-imħuħ.

In-naħa ta' fuq lejn ix-xellug: Mhux in-nemus kollu huwa vettur tal-mard

Isfel: Batterja borreliae. Id-deni tal-borreliosis soġġett għal irkaduti huwa marda trażmessa mill-vetturi kkaratterizzat minn deni qawwi rikorrenti, uġiġħ fil-muskoli u nawsja. Il-marda hija trażmessa mill-gdim tal-qamel jew tal-qurdien artab; fl-Ewropa, il-marda tinstab f'partijiet tal-Mediterran.



Kultant, "Għallih, qaxxru, sajru, aħslu jew insih!" mhuwiex biżżejjed

Mard u Żoonożi Trażmessi mill-Ikel u mill-Ilma (IL-Programm FWD). L-EPIS-FWD hija s-sistema ta' informazzjoni dwar l-intelliġenza epidemika tal-ECDC għall-mard trażmess mill-ikel u mill-ilma. In-numru ta' inkjesti urġenti fuq l-EPIS-FWD żdied minn 53 fl-2017 għal 77 fl-2018, żieda żgħira iżda ta' min jinnota. Tifqigħa partikolarment serja kienet ikkawżata mil-*Listerjożi*, li rriżultat f'diversi fatalitajiet. Biex jinvestigaw aktar din it-tifqigħa, l-ECDC u l-EFSA ngħaqdu flimkien u wettqu sekwenzar ġenomiku sħiħ tal-patoġenu. Ir-riżultati kkonfermaw li lott ta' ħaxix iffriżat kien is-sors probabbli tat-tifqigħa.

Fi sforz kollaborattiv ieħor, l-ECDC u l-EFSA ppubblikaw żewġ rapporti komprensivi: wieħed dwar ix-xejriet u s-sorsi taż-żoonosi, l-aġenti żoonotiċi u t-tifqigħat trażmessi mill-ikel (data tal-2017), u wieħed dwar ir-reżistenza antimikrobika f' batterji żoonotiċi u indikaturi mill-bnedmin, l-annimali u l-ikel (data tal-2016).

L-ECDC stieden parteċipanti minn sitt pajjiżi għal sessjoni ta' ħidma dwar l-istat ta' preparazzjoni dwar is-sigurtà tal-ikel ta' ħafna pajjiżi u l-inċidenti tas-saħħa pubblika. Iċ-Ċentru jopera wkoll programm ta' skambju professjonali għall-esperti fil-mard trażmess mill-ikel u mill-ilma.

Mill-aspett teknoloġiku, l-ECDC kien innovattiv billi wettaq l-ewwel analiżi tal-gruppi mid-data miġbura mill-bażi tad-data tat-tipizzazzjoni molekulari ta' TESSy.

L-ECDC iffinanzja diversi valutazzjonijiet esterni tal-kwalità (EQAs). L-EQAs iwettqu monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-laboratorji billi jibagħtu kampjuni identiċi lil laboratorji madwar l-Ewropa. L-akkuratezza tar-riżultati tiġi mqabbla, u kull laboratorju jirċievi tabella tal-punteġġ li tagħti dettalji dwar il-prestazzjoni tiegħu. L-EQAs urew li huma għodod ewlenin għat-titjib fil-prestazzjoni tal-laboratorji. Fl-2018, l-ECDC organizza EQAs għal-*Listerjożi*, is-*Salmonella*, is-*Campylobacter*, u l-*STEC*. Barra minn hekk, iċ-Ċentru organizza test tal-profiċjenza għall-ġabra sħiħa tal-ġenomi tal-*Listerjożi*.

In-naħa ta' fuq lejn ix-xellug: Listerjożifug l-agar tad-demm ta' Żiemel Kolombjan u r-raġel għal min issemmiet, Dr Joseph Lister (1827 – 1912)
In-naħa t'isfel lejn il-lemin: Qari tas-sekwenzi tad-DNA



Brighton Pride, 2018: Ma nistgħux ngħadduha, m'aħnix se ngħadduha.




Prevenzjoni tal-HIV: profilattika u profilassi ta' qabel l-esponiment

HIV, Infezzjonijiet Trażmessi Sesswalment u Epatite Virali (Il-Programm HASH). It-tielet Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU jiffoka fuq is-saħħa u l-benesseri: "Jiġu żgurati ħajjiet b'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd ta' kull età." Il-monitoraġġ tal-progress lejn dan l-għan fil-qasam tal-HIV/AIDS jista' jkun biċċa xogħol tassew diffiċli. Fil-laqgħa tan-netwerk ta' sorveljanza tal-HIV tal-2018, l-ECDC u d-WHO, bl-involvement sinifikanti tal-UNAIDS, xtaqu jagħtu opportunità lill-esperti fil-mard biex jeżaminaw aktar fil-fond il-mistoqsija dwar kif il-progress lejn it-tielet Għan ta' Żvilupp Sostenibbli jista' jitkejjel b'mod objettiv. Xogħol simili twettaq rigward id-Dikjarazzjoni ta' Dublin (li tistabbilixxi aġenda ambizzjuża għall-HIV/AIDS): Il-monitoraġġ għar-rispons tal-HIV ġie rivedut u allinjat mal-miri tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Barra minn hekk, il-Programm:

- nieda l-ġhodda ta' mmudellar tiegħu għall-akkuratezza tal-istimi tal-HIV;
- ittestja sistema ta' sorveljanza ġdida għar-reżistenza tal-mediċina kontra l-HIV f'disa' pajjiżi tal-UE;
- organizza, flimkien mal-UNAIDS, laqgħa tal-esperti dwar it-tqassim tal-profilassi ta' qabel l-esponiment;
- ippubblika gwida integrata għall-ittestjar tal-HIV, l-epatite B u l-epatite C;
- nieda l-ewwel bażi tad-data online interattiva għall-istudji ta' prevalenza dwar l-epatite B u l-epatite C; u
- ittestja protokoll ġdid ta' sħarriġ ta' seroprevalenza għall-epatite C biex jevalwa l-piż veru tal-marda fi tliet pajjiżi.



Tilqima għal kull staġun

Influenza u Viruses Respiratorji oħrajn (IL-Programm IRV). Kull sena, għandna bżonn tilqim ġdid kontra l-influenza peress li razez differenti ta' influenza jiċċirkolaw kull sena. Tilqima li tippoteġi kontra r-razez li ċċirkolaw waqt l-aħħar staġun tal-influenza mhijiex se toħloq immunità għar-razza l-ġdida ta' din is-sena. Filwaqt li tilqima universali li tippoteġi kontra l-influenza staġjonali għal ħafna snin tidher li hija possibbli, l-introduzzjoni attwali tagħha jaf fadlilha ħafna snin. Sadanittant, l-aħjar li nistgħu nagħmlu biex niproteġu lilna nfusna u għall-protezzjoni ta' kulħadd huwa li nieħdu t-tilqima l-aktar riċenti kontra l-influenza.

Mard respiratorju assoċjat mal-influenza staġjonali jikkaġuna l-mewt ta' madwar 40,000 persuna fis-sena fir-Reġjun Ewropew tad-WHO. Minkejja dawn in-numri drammatiċi, porzjon żgħir biss tal-popolazzjoni jiġi mlaqqam. Aktar minn 75 % ta' dawn l-imwiet huma fost persuni ta' 65 sena jew aktar, iżda t-tilqim xorta għadu baxx f'dan il-grupp fir-riskju. Madwar nofs il-pajjiżi fir-Reġjun Ewropew tad-WHO qegħdin ilaqqmu inqas minn wieħed minn kull tliet anzjani. Anke fost il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, ir-rati ta' tilqim huma ferm taħt il-50 %.

Kull staġun, l-ECDC u l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa jippubblikaw ċifri fil-ġimgħa dwar is-sorveljanza tal-influenza. Id-data ppubblikata tappoġġa b'mod ċar ix-xogħol estensiv tal-ECDC f'dan il-qasam: l-influenza tibqa' theddida kbira għas-saħħa pubblika, u huwa essenzjali li jkun hemm sorveljanza.


L-influenza avjarja hija aspett ieħor importanti fix-xogħol tal-Programm. Bħal fis-snin ta' qabel,

l-ECDC u l-EFSA ppubblikaw rapporti konġunti ta' valutazzjoni kull tliet xhur dwar is-sitwazzjoni tal-influenza avjarja. L-Ċentru ħareġ rapport dwar il-politiki u l-koperturi tat-tilqim kontra l-influenza, li reġa' kkonferma li l-koperturi tat-tilqim fost l-anzjani fl-Ewropa huma baxxi ħafna. F'rapport ieħor, il-Programm stima li l-effettività tat-tilqim bejn l-2015 u l-2018 kienet ta' madwar 40 %.

L-Ċentru wettaq reviżjoni tal-pjanijiet pandemiċi nazzjonali ta' stat ta' preparazzjoni, u identifika n-nuqqasijiet u ssuġġerixxa miżuri ta' rimedju. Is-sorveljanza tal-korsijiet ta' mard qalil u s-sorveljanza msejsa fuq il-ġenomi żdiedu mas-sorveljanza sistematika tal-influenza, li tirrappreżenta spinta kbira fil-kwalità tas-sorveljanza. Is-sistemi ta' sorveljanza għall-influenza u l-SARS għaddew minn evalwazzjoni, u l-Programm innifsu tal-Influenza u Viruses Respiratorji oħrajn ġie evalwat sabiex jiġu intraċċati l-kwalità u l-effettività tat-produzzjoni.

L-ECDC abbozza opinjoni dwar l-interventi mhux farmaċewtiċi matul pandemija; ħafna mill-interventi, ikkonkluda d-dokument, juru biss evidenza limitata tal-effikaċja.

Fuq: Tilqim kontra l-influenza. Tingiża żgħira... u lest In-naħa t'isfel lejn ix-xellug: Infografika fil-ġimgħa tal-influenza In-naħa t'isfel lejn il-lemin: "Toqtol l-influenza tat-tjur"? Li kieku kien daqshekk faċli.



Tuberculosis surveillance and monitoring in Europe

2018

2016 data



ERS EUROPEAN
RESPIRATORY
SOCIETY
every breath counts



European Union Standards for Tuberculosis Care

2017 update

Nistgħu neqirdu t-TB latenti?

Tuberkulożi (Il-Programm TB). L-infezzjoni tat-TB latenti taffettwa waħda minn kull seba' persuna fir-Reġjun Ewropew tad-WHO. Persuna infettata minn kull għaxra timrad bit-TB attiva matul ħajjitha. Għalhekk, id-dokument ta' gwida taċ-Ċentru dwar il-ġestjoni programmatika tat-TB latenti jimla nuqqas kritiku fl-isforzi Ewropej għall-prevenzjoni tat-TB.

Stampa komprensiva tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tat-TB tinsab fir-rapport annwali tal-2018 dwar *is-sorveljanza u l-monitoraġġ tat-tuberkulożi fl-Ewropa*. Ir-rapport, proġett konġunt tal-ECDC u l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa, inħareġ qabel il-Jum Dinji tat-TB, fl-24 ta' Marzu 2018.

Bħala parti minn proġett ta' tliet snin, l-ECDC appoġġa ħames pajjiżi tat-TB bi prijorità għolja (il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, u r-Rumanija) permezz ta' żjarat ta' skambju u korsijiet ta' taħriġ. Il-proġett se jitkompla u jiġi estiż fl-2019, u se jindirizza ħtiġijiet relatati mat-TB fi Stati Membri addizzjonali. Immirati wkoll lejn ħtiġijiet tanġibbli ħafna fl-Istati Membri huma l-*istandards aġġornati tal-Unjoni Ewropea għall-kura tat-tuberkulożi*, li ġew ippubblikati fl-2018 u tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.


F'April, l-ECDC nieda proġett għall-ġbir ta' evidenza għas-sekwenzi ġenomiċi sħaħ għat-tuberkulożi. Il-proġett huwa eżempju ieħor tal-użu dejjem jikber tas-sekwenzi ġenomiċi sħaħ fid-dijanjożi u fis-sorveljanza tal-mard.

*Xellug: Id-disinn il-ġdid tar-rapport tat-tuberkulożi, proġett konġunt tal-ECDC u l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa.
Lemin: "Kull nifs jgħodd": standards aġġornati tal-UE għall-kura tat-TB. L-ECDC ippubblika d-dokument fil-lingwi kollha tal-UE/ŻEE*



The last week of April is European Immunisation Week

Find out more at www.ecdc.europa.eu



L-akbar storja ta' suċċess li qatt kien hawn

Mard li Jista' Jiġi Evitat bit-Tilqim (Il-Programm VPD). It-tilqim huwa wieħed mill-akbar kisbiet fis-saħħa pubblika. Dan naqqas b'mod drammatiku l-piż tal-mard ta' mard li jittieħed, u hemm tama raġonevoli li aktar mard dalwaqt se jkun jista' jiġi evitat bit-tilqim. Sfortunatament, ħafna tilqim sar vittima tas-suċċess tiegħu stess. Peress li xi ftit mill-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim naqas jew saħansitra sparixxa, xi wħud jaħsbu li m'hemmx konsegwenzi negattivi jekk taqbeż tilqima booster – jew tonqos milli titlaqqam kompletament. Il-ħafna tifqigħat ta' ħosba fl-2018 urew biċ-ċar li dan mhuwiex il-każ. B'valutazzjonijiet rapidi tar-riskju dwar it-tifqigħat tal-ħosba u l-aġġornamenti fix-xahar tar-rapporti tiegħu dwar il-monitoraġġ tal-ħosba u r-rubella, l-ECDC jappoġġa b'mod vokali l-għan tad-WHO li tiġi eliminata l-ħosba.


Fl-2018, il-Programm VPD ipprova evidenza teknika u kontribut xjentifiku għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tilqim ippreżentata f'April u adottata f'Diċembru. L-ECDC stabbilixxa proċess ta' kollaborazzjoni biex jappoġġa l-hekk imsejħa NITAGS, gruppi konsultattivi tekniċi għall-immunizzazzjoni nazzjonali, bl-għan li jsaħħaħ il-kollaborazzjoni u l-iskambju xjentifiċi madwar l-Ewropa.

Fuq livell iżjed prattiku, l-ECDC ippubblika manwal dwar it-tfassil u l-implementazzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni dwar l-immunizzazzjoni u r-rifina s-sistema ta' sorveljanza tiegħu għall-mard tal-pertussis u dak tal-pnevmokokka invażiva. L-Iskedatur tat-Tilqim tal-UE kompla jkun wieħed mill-karatteristiċi l-aktar miżjura fuq is-sit web tal-ECDC.


In-naħa ta' fuq lejn ix-xellug: Nippromwovu l-Ġimgħa Ewropea għall-Immunitazzjoni

In-naħa t'isfel lejn ix-xellug: Nivviżwalizzaw l-immunità fil-merħla Lemin: Tweet b'vidjow





*Xellug: Ritratti tal-iskrin mill-applikazzjoni tal-ECDC fuq il-mowbajl
Rapport dwar it-Theddidd
Isfel: L-Ċentru l-ġdid tal-ECDC għall-Operazzjonijiet ta' Emerġenza*



Approċċ immexxi mill-fatti lejn is-saħħa pubblika tal-Ewropa

Sorveljanza tal-mard

L-ammont kbir ta' data epidemjoloġika mressqa mill-imsieħba tagħna jeħtieġ infrastruttura tal-IT b'saħħitha ħafna. Biex jipproċessa l-ammont dejjem jiżdied ta' data dwar il-mard u jibqa' aġġornat bl-iżviluppi teknoloġiċi, fl-2018, l-ECDC nieda proġett ta' tfassil mill-ġdid għas-sistemi ta' sorveljanza tiegħu.

L-ECDC kompli l-proġett EPHESUS. EPHESUS, li tfisser *Evalwazzjoni tal-Unjoni Ewropea/Żona Ekonomika Ewropea tas-sistemi ta' sorveljanza tas-saħħa pubblika*, tevalwa 52 sistema ta' sorveljanza tal-mard fi 30 pajjiż. Minbarra s-sorveljanza standard, il-proġett ikopri wkoll servizzi tal-laboratorji ffinanzjati mill-ECDC, tipizzazzjoni molekulari/ġeometrika sistematika u monitoraġġ ta' avvenimenti ta' mard infettiv.

Fl-2018, l-Atlas ta' Sorveljanza online interattiv tal-ECDC dwar il-Mard Infettiv inkluda data dwar 56 marda u suġġett dwar il-mard. L-utenti jistgħu jagħżlu settijiet ta' data u jiġġeneraw mappej tal-mard ippersonalizzati. Fl-2018, ġiet miżjuda data dwar il-konsum antimikrobiku, li tagħti indikazzjoni ċara – u viżiva ħafna – tal-importanza li l-antibijotiċi jintużaw b'mod prudenti.

L-esperti tal-ECDC għenu fit-tnejn tal-att ta' implimentazzjoni għad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE dwar theddid transkonfinali għas-saħħa billi

pprovdew definizzjonijiet tal-każ għal mard bħal Lyme neuroborreliosis, id-dengue, iċ-chikungunya u ż-Zika.

Is-sekwenzar ġenomiku sħiħ (WGS) qiegħed jibdel malajr il-mod kif aħna nwettqu sorveljanza tal-mard u niġbru d-data. Fl-2018, iċ-Ċentru laħaq ftehim mal-Istati Membri dwar kif id-data WGS dwar il-patoġenu tiġi analizzata, skambjata u maħżuna madwar l-Ewropa.

Informazzjoni epidemika

Fl-2018, 377 avveniment ta' mard ġew identifikati permezz tal-informazzjoni epidemika. "Avveniment" jista' jkun tifqigħa ewlenija bħall-Ebola fl-Afrika tal-Punent jew raggruppament żgħir tal-marda ta' Lejjonellosi fuq bastiment tal-kruċiera fl-Ewropa. Diversi tifqigħat Ewropej qatt ma kienu jkun identifikati fin-nuqqas ta' approċċi ġodda: L-użu tal-midja soċjali u ta' teknoloġiji ta' crowd sourcing mill-ECDC jista' jidentifika indikaturi ta' tifqigħat li f'ċirkostanzi oħra ħadd ma jinduna bihom. Aħna naħdmu wkoll fil-monitoraġġ ta' avvenimenti ta' ġemgħat kbar, billi nużaw approċċ simili.

Ir-rapporti ta' sorveljanza jixxerrdu permezz tas-sit web tagħna, iżda numru dejjem jiżdied ta' utenti installaw l-applikazzjoni tal-ECDC għal tagħmir mobbli rigward Rapporti ta' Theddid u diġà niżżlu aktar minn 25,000 dokument.



*Fuq: Ritratt minn ġewwa l-binja l-ġdida tal-ECDC
In-naħa t'isfel lejn ix-xellug: Laqgħa tal-Forum Konsultattiv
tal-ECDC
In-naħa t'isfel lejn il-lemin: Il-binja l-ġdida toffri spazju
formali u informali għal-laqgħat*



Stat ta' preparazzjoni

L-istat ta' preparazzjoni huwa l-pedament tas-saħħa pubblika. L-ECDC jgħin lill-Istati Membri tal-UE jistabbilixxu u jaġġustaw mekkaniżmi ta' rispons biex jimpedixxu, jirrispondu għal, u jirkupraw minn theddid għas-saħħa pubblika, u b'hekk jipproteġu s-saħħa pubblika tal-Ewropa fil-qasam tal-mard li jittieħed.

Fl-2018, tim tal-ECDC għen lir-Rumanija tiżviluppa pjan nazzjonali ta' stat ta' preparazzjoni għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika. L-ECDC ipprova wkoll appoġġ tekniku lill-Kummissjoni Ewropea għal numru ta' kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa.

L-istat ta' preparazzjoni f'livell prattiku ntweraw mir-rilaxx tal-HEPSA, l-għodda għall-Awtovallutazzjoni dwar l-Istat ta' Preparazzjoni għall-Emerġenzi tas-Saħħa li tħalli lill-pajjiżi jwettqu awditu tal-“prontezza għall-emerġenzi”.

Attivitajiet oħra jinkludu rapport komunitarju dwar l-istat ta' preparazzjoni, kors ta' taħriġ dwar is-sensibilizzazzjoni tar-riskji bijoloġiċi, u eżerċizzju ta' simulazzjoni ta' ġurnata. L-Ċentru ppubblika wkoll dokument ta' gwida dwar kif jinkisbu rakkomandazzjonijiet tal-aħjar prattika mill-eżerċizzji, ir-reviżjonijiet u l-valutazzjonijiet.

Rispons

Il-valutazzjonijiet tar-riskji jiddependu ferm fuq il-kwalità tad-data dwar il-mard irċevuti miċ-Ċentru u mill-esperti li janalizzawhom.

Biex jiżgura l-kwalità, l-ECDC jinvolvi, fil-produzzjoni tal-valutazzjonijiet rapidi tar-riskji tiegħu, speċjalisti fil-mard infettiv mill-Istati Membri affettwati. Qabel,

biex wieħed juża l-għarfien espert, dan kien jinvolvi proċess pjuttost ikkumplikat, iżda wara reviżjoni fil-fond, iċ-Ċentru rnexxielu jiffaċilita l-proċeduri tiegħu għall-esperti esterni fil-mard mill-Istati Membri. Parti kbira mill-35 valutazzjoni rapida tar-riskji u s-16-il aġġornament epidemjoloġiku taċ-Ċentru prodotti fl-2018, diġà bbenefikat mill-proċedura aġġornata.

Mill-aspett teknoloġiku, iċ-Ċentru ħareġ verżjoni mfassla mill-ġdid u mtejbja ferm tal-EWRS (Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Reazzjoni) f'Settembru 2018.

Interventi fuq il-post barra mill-Ewropa jsiru jekk is-sitwazzjoni titlob hekk. Fl-2018, wieħed mill-esperti tagħna mar fuq misjoni ta' rispons fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo biex jappoġġa miżuri ta' sorveljanza koordinati mid-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili Ewropea u l-Operazzjonijiet għall-Għajnuna Umanitarja.

Parir xjentifiku

Il-parir xjentifiku jkopri l-oqsma kollha tas-saħħa pubblika. Wara l-politika ta' aċċess miftuħ tal-ECDC, ir-riżultati tar-riċerka qegħdin jitqassmu b'xejn permezz tas-sit web taċ-Ċentru.

Fl-2018, l-ECDC irċieva 31 talba għal parir mill-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew. Iżjed minn mitejn dokument xjentifiku ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-ECDC, inklużi 86 dokumenti kbar ta' gwida għas-saħħa pubblika; 86 dokument xjentifiku ieħor miktub mix-xjenzati tal-ECDC dehru fil-ġurnali riveduti bejn il-pari bħall-*Eurosurveillance*.

Eurosurveillance, il-ġurnal xjentifiku tal-ECDC, ikklassifika l-ħames fost il-ġurnali dwar il-mard infettiv u laħaq impatt reġjonali ta' 7.1 fl-2018.

F'Novembru, ESCAIDE, il-konferenza xjentifika ewlenija tal-ECDC, attirat 600 parteċipant minn 50 pajjiż.





Mikrobijoloġija

Il-mikrobijoloġija hija waħda mill-oqsma li rċeviet ħafna attenzjoni fl-2018, l-aktar minħabba l-avvanzi rapidi li saru fis-sekwenzar tad-DNA li jħallu lix-xjenzati jqabblu sekwenzi ta' patoġeni u jidentifikaw tifqigħat marbuta mal-istess sors. B'konsegwenza ta' dan, l-ECDC irreveda l-pjan direzzjonali tiegħu għat-tipizzazzjoni molekulari; il-pjan direzzjonali issa jesplora x'impatt se jkollha t-tipizzazzjoni molekulari fuq is-sorveljanza Ewropea tal-mard.

It-tipizzazzjoni molekulari tiġġenera ammonti kbar ta' data u teħtieġ qawwa ta' komputazzjoni ta' livell għoli. Il-mikrobijoloġisti tal-ECDC ipproponew pjattaforma Ewropea komuni għall-ġestjoni u l-analiżi tad-data msejsa fuq is-sekwenzi. Meta tiġi implimentata, dan se jammonta għal bidla ta' paradigma fil-monitoraġġ tal-mard, b'mod partikolari fir-rigward tal-investigazzjonijiet tat-tifqigħat f'ħafna pajjiżi hawnhekk fl-Ewropa.

Qasam ieħor li janalizza t-tim tal-mikrobijoloġija tagħna huwa l-kapaċità tal-laboratorju u l-kontroll tal-kwalità. L-ECDC jevalwa b'mod regolari l-kwalità tal-laboratorji madwar l-Ewropa fl-hekk imsejħa EQAs, valutazzjonijiet esterni tal-kwalità. Il-metodoloġija tal-EULapCap tal-ECDC toffri sett ta' għodod raffinati li jintużaw biex jevalwaw il-kwalità u l-effiċjenza tal-laboratorji. Fir-rapport tal-EULabCap l-aktar riċenti, l-indiċi tal-prestazzjoni laħqet 7.5 punti inkoraġġanti minn 10, li juri "livelli ta' kapaċità ġusti sa għoljin" kif ukoll nuqqasijiet fil-kapaċità dejjem jiċkienu bejn il-pajjiżi.

L-attivitajiet kollha f'dan il-qasam huma msejsa fuq l-*Istrateġija tal-ECDC għall-valutazzjoni esterna tal-kwalità tal-laboratorji mikrobijoloġiċi tas-saħħa publika*. Din l-istrateġija tiġi aġġornata l-ħin kollu minħabba l-iżviluppi rapidi fil-qasam. L-aħħar verżjoni tal-Istrateġija ġiet ippubblikata f'Ġunju 2018.

Xellug: CTTGACCACC... Qari tas-sekwenzi tad-DNA



Ningħaqdu mal-komunità tas-saħħa pubblika tal-Ewropa

Taħriġ fis-saħħa pubblika

Il-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-ECDC iħejji lill-epidemjologi (EPIET) u l-mikrobijologi (EUPHEM) f'dan il-qasam biex ikunu jistgħu jintervjenu f'tifqigħat transkonfinali u f'theddid ieħor għas-saħħa pubblika. Dan jgħaqqad ħafna organizzazzjonijiet Ewropej għas-saħħa pubblika f'livell professjonali, u ta' spiss personali wkoll.

Fl-2018, 37 imsieħeb gradwaw mill-Programm, b'434 parteċipant ieħor jattendi l-korsijiet permezz tal-attivitajiet kontinwi ta' żvilupp professjonali tal-ECDC. Filwaqt li xi korsijiet jeħtieġu li wieħed ikun preżenti fiżikament, il-korsijiet tal-Akkademja Virtwali tal-ECDC (EVA) jistgħu jsiru online. Fl-2018, ħarġu erba' korsijiet ġodda online, u oħrajn ġew aġġornati.

L-enfasi ewlenija tal-programm ta' taħriġ tal-ECDC hija fuq il-korsijiet u s-seminars tiegħu stess, iżda ċ-Ċentru jwettaq ukoll monitoraġġ fuq l-attivitajiet edukattivi fis-settur Ewropew tas-saħħa pubblika: stħarriġ imwettaq fost il-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Iskejjel tas-Saħħa Pubblika fir-Reġjun Ewropew wera li l-ġhotjiet qegħdin isiru dejjem aktar komprensivi fil-qasam tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed.

*In-naħa ta' fuq max-xellug: Dame Sally Claire Davies, Uffiċjal Mediku Ewlieni għall-Ingilterra, fl-ESCAIDE tal-2018 ġewwa l-Belt Valletta, Malta
In-naħa t'isfel max-xellug: Niddiskutu l-figuri tal-epatite B l-aktar riċenti*

Relazzjonijiet internazzjonali u sostenn tal-pajjiżi.

L-ECDC iżomm network professjonali estensiv. Relazzjonijiet bejn l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa u l-ECDC kienu tradizzjonalment b'saħħithom. Fl-2018, il-co-branding ġie estiż għall-prodotti Ewropej konġunti kollha tal-ECDC-WHO (rapporti, stqarrijiet għall-istampa u preżentazzjonijiet). Fl-2018, l-ECDC irċieva żjarat uffiċjali miċ-Ċentru Ċiniż għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard u ċ-Ċentri tal-Afrika għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard.

Il-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni huma punt fokali ieħor tal-attività. Meta l-ECDC uża metodoloġija tal-EULabCap adattata għall-kontroll tal-kapaċità, ir-riżultati wrew ħtieġa ċara għal kapaċità laboratorja addizzjonali f'dan il-grupp ta' pajjiżi.

L-ECDC kien strumentali fil-ħolqien ta' pjan ta' azzjoni għall-Ukrajna, pajjiż tal-viċinat tal-UE. Iċ-Ċentru għen ukoll lill-Maċedonja ta' Fuq fl-iżvilupp ta' pjan għall-pajjiż biex ikompli fuq il-valutazzjonijiet li twettqu diġà fl-2015 u l-2016.

Il-mekkaniżmu tal-appoġġ tal-pajjiżi tal-ECDC organizza korsijiet ta' taħriġ dwar l-aċċettazzjoni tat-tilqim, il-kontroll tal-infezzjonijiet u s-sigurtà tal-pazjent, u appoġġa l-produzzjoni ta' pjanijiet nazzjonali tal-istat ta' preparazzjoni. Fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea, l-ECDC evalwa s-sistemi għas-sorveljanza tal-mard li jittieħed ġewwa l-Kosovo*.

** Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.*

Komunikazzjoni dwar is-saħħa pubblika

Ħafna mill-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħna huma mmirati lejn il-komunità Ewropea tas-saħħa pubblika, l-aktar l-esperti fis-saħħa pubblika, ix-xjenzati u l-ġurnalisti. Fl-2018, iċ-Ċentru ħareġ 214-il publikazzjoni għal dan il-grupp fil-mira, f'taħlita bbilanċjata tajjeb ta' rapporti ta' riċerka fil-fond u valutazzjonijiet rapidi tar-riskji/tal-evidenza. Iċ-Ċentru jħaddem ukoll diversi kontijiet fuq Twitter, b'numru ta' segwaċi dejjem jikber (iżjed minn 19 % fl-2018),

ħafna minnhom barra mil-komunità tas-saħħa pubblika.

Matul l-2018, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, id-deni tal-Punent tan-Nil, il-ħosba u l-Ebola baqgħu ta' interess qawwi, u ħafna mill-pubblikazzjonijiet tagħna wrew dan. Il-kampanji tas-saħħa taċ-Ċentru – immirati lejn udjenzi pubbliċi – iffukaw fuq jiem ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku: L-ECDC żviluppa materjali għall-komunikazzjoni għall-Jum Ewropew għall-Għarfien dwar l-Antibijotiċi, il-Jum Dinji tat-TB, il-Ġimgħa Ewropea għall-Immunizzazzjoni, u l-Jum Dinji tal-AIDS.


Xellug: Minbarra l-ġbir regolari, il-librerija tal-ECDC iżżomm arkivju komplut ta' rapporti tal-ECDC

Lemin: Laqgħa transsettorjali qabel il-Jum Dinji tal-Epatite




L-ECDC f'numri

Bilanċ tal-ECDC bejn is-sessi



Baġit 2018



Il-persunal tal-ECDC skont il-pajjiż



Mill-31 ta' Diċembru 2016, l-ECDC kellu total ta' 267 membru tal-persunal statutorju.

**Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll
tal-Mard (ECDC)**

Gustav III:s Boulevard 40
169 73 Solna, l-Iżvezja

Tel. +46 (0)8 58 60 10 00
Fax +46 (0)8 58 60 10 01
www.ecdc.europa.eu

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea
www.europa.eu

Abbona għall-pubblikazzjonijiet tagħna
www.ecdc.europa.eu/en/publications

Ikkuntattjana
publications@ecdc.europa.eu

🐦 Segwina fuq Twitter
[@ECDC_EU](https://twitter.com/ECDC_EU)

📘 Agħmel like fuq il-paġna ta' Facebook tagħna
www.facebook.com/ECDC.EU



Publications Office